Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 243/2016

Il-Pulizja

Spettur Jesmond J. Borg

Vs

Lawrence Fabri

Illum 27 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Lawrence Fabri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 506780 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-gzejjer, nhar it-12 ta' Novembru 2011, kif ukoll fl-ahhar tmien xhur qabel din id-data, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-

Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u risretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

3. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 t' April, 2016, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' **disa' (9) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri ossia s-somma ta' hames mija, hamsa u erbghin Euro u tnejn u disghin centezmu (€545.92), rapprezentanti spejjez konnessi mar-relazzjoni esebita mill-Ispizjar Mario Mifsud, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. JJB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Lawrence Fabri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Mejju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fejn sabitu hati fit-tieni imputazzjoni, kif ukoll tal-pussess semplici fl-ewwel imputazzjoni filwaqt li **THASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet illi l-pussess fl-ewwel imputazzjoni ma kiens ghall-uzu esklussiv tieghu u kif ukoll **THASSARHA** fl-addebiti dwar d-distanza fit-tielet imputazzjoni; jew sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Lawrence Fabri huma cari u manifesti u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-aggravji tal-appellant jikkoncernaw l-apprezzament zbaljat li ghamlet l-Ewwel Qorti, tal-provi prodotti quddiemha, kif ukoll l-interpretazzjoni zbaljata tal-Ligi applikabbli, u cioe' dik tar-reat ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tieghu, u cioe' ta' dak maghruf bhala pussess aggravat.

## A. <u>Apprezzament Zbaljat tal-Provi</u>

Illi kif diga' gie sottomess, l-Onorabbli l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante' illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova taghhom.

Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-Ewwel Qorti strahet wisq fuq l-ipotezi tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni illi l-esponenti appellant bela' madwar hames grammi (5g) kokaina gewwa l-bar Code 09 meta ra lil Pulizija dehlin gewwa l-istess bar. Illi din l-ipotezi ma giet qatt pruvata mill-Prosekuzzjoni, <u>izda l-Ewwel Qorti strahet BISS fuq il-Pulizija li telaw jixhdu quddiemha.</u> Il-Pulizija iddeponew illi kif dahlu gewwa l-Bar huma raw lill-appellant jitlaq jigri gewwa l-kcina tal-istess Bar filwaqt illi jitfa' xi haga go halqu, liema Pulizija assumew illi kien pakkett bis-sustanza kokaina. L-Ewwel Qorti strahet fuq dawn id-depozizzjonijiet u kif ukoll fuq l-istqarrija illi kien ta inizjalment l-appellant, alavolja fid-depozizzjoni guramentata tieghu l-appellant kien qal li fil-verita' huwa kellu biss *chewing gum* go halqu. Izda l-Ewwel Qorti, kif irriteniet fis-sentenza taghha stess, ghazlet illi tiskarta d-depozizzjoni tal-appellant stante' illi qieset li ma kinitx wahda 'attendibbli'. Illi l-Ewwel Qorti semmiet diversi drabi illi l-grammi ta' kokaina li nstabu ghand l-appellant, u cioe' sitta punt sitta u hamsin gramma (6.56g), kienu filfatt iktar minn hekk stante' illi allegatament l-appellant bela' borza b'hames grammi (5g) kokaina. Bir-rispett kollu, **l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat ta' dan kollu peress illi QATT ma kellha quddiemha l-ahjar prova illi l-appellant kien filfatt fil-pussess ta' hames grammi (5g) izjed kokaina minn dak illi instabet,** ghajr ghad-depozizzjoni tal-Pulizija illi xehdu. Illi li kieku stess l-appellant bela' borza bil-kokaina, jigi umilment sottomess li dan ma jamilx wisq sens ghall-fatti tal-kaz odjern ma jaghti l-ebda indikazzjoni li kienet ser tigi spaccata d-droga u dan peress li kulhadd jaf illi l-pussess tad-droga hija illegali, u twassal ghal pieni anke f'kaz ta' pussess ghall-uzu personali, u ghalhekk wiehed jasal biex jifhem ghalfejn l-appellant heba d-droga (f'kaz illi verament bela' borza bil-kokaina), meta ra lill-Pulzija gejjin fuqu.

Ghaldaqstant, l-Ewwel Qorti kellha tiskarta dan kollu stante' illi qatt ma ngiebet il-prova illi l-appellant kellu pussess ta' droga izjed milli dawk il-grammi illi instabu, alavolja hu stess kien stqarr fl-istqarrija illi kienet ittiehditlu inizjalment mill-Pulizija li kien bela' borza bid-droga; IZDA **fl-ahhar mill-ahhar l-Ewwel Qorti QATT ma kellha l-ahjar prova li l-appellant kien verament fil-pussess ta' izjed droga.**

Illi *di piu',* wahda mir-ragunijiet ghalfejn l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi d-droga li instabet fil-karozza tal-appellant ma kinitx ghall-uzu eskluzziv tieghu kienet ghaliex instab mizien elettroniku fil-kcina ta' gewwa l-Bar Code 09. Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti zbaljat meta waslet ghal din il-konkluzzjoni stante' illi l-ewwel nett kif irrizulta mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud ma nstabu l-ebda tracci ta' droga fuq l-istess mizien. Barra minn hekk, hija xi haga normali ghall-ahhar illi gewwa kcina jinzamm mizien elettroniku u dan peress illi jkun hemm il-bzonn li jintiznu diversi ingredjenti tal-ikel. Infatti, il-mizien illi gie ezebit jizen sa massimu ta' zewg kilogrammi (2kg). Illi bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti ghagglet fil-konkluzzjoni taghha li l-mizien elettroniku kien jipprova l-fatt li d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-appellant. Ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti tal-Appell trid tezamina aktar fil-profond din il-prova stante' illi **ma nstabu ebda tracci ta' droga fuq il-mizien u kif ukoll ghall-fatt illi instab gewwa kcina ta' Bar, post fejn jintizen l-ikel. Ghalhekk, ghandu jkun hemm dubji serji kemm filfatt verament dan l-mizien elettroniku kien jintuza ghad-droga.**

In oltre', apprezzament zbaljat iehor tal-provi illi ghamlet l-Onorabbli l-Ewwel Qorti kien il-mod ta' kif il-Qorti iddistingwiet bejn *reacreational user* u *heavy user* u l-fatt illi dakinhar tal-allegat reat kien il-jum tas-Sibt u mhux il-Gimgha. Fis-sentenza li l-Ewwel Qorti tat fil-konfront tal-appellant tenniet illi huwa ma kienx veritier meta fix-xhieda tieghu ddepona li kien jiflah jiehu tliet grammi (3g) kokaina f'lejl wiehed, izda normalment kien jiehu bejn tlieta (3) u erba' (4) grammi f'weekend shih. Il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi ma kienx qieghed jghid is-sewwa peress illi huwa kien ddepona li kien jiehu droga fil-*weekend* biss, u ghaldaqstant kien jikklassifika bhala *recreational*

*user*; izda l-fatt li qal li kien jiflah jiehu tliet grammi (3g) f'lejl il-Qorti tenniet illi dak l-ammont kien jittiehed minn *heavy user* u mhux minn wiehed *recreational.* Illi bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti ma ghamlitx konkluzzjoni korretta ta' dan stante' illi l-fatt illi xi hadd ikun *recreational user* tad-droga ma jfissirx illi ma jistax ikun ukoll *heavy user* u dan peress illi persuna tista' tikkonsma d-droga biss fil-*weekend* biss izda b'mod *heavy.* Il-fatt illi l-esponenti appellant xehed illi kien jiehu d-droga fil-*weekend* biss izda kien jiflah jiehu sa tliet grammi (3g) f'lejl ma jippruvax illi ma kienx qieghed jghid is-sewwa u illi d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Barra minn hekk, l-Ewwel Qorti assumiet ukoll illi l-esponent ma kienx veritier ghaliex meta xehed tenna illi d-droga kokaina illi instabet kien xtraha t-Tlieta ta' qabel l-allegat reat sabiex juzaha fil-*weekend.* Il-Qorti ddeterminat li d-droga illi instabet ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-esponent peress li meta l-Pulizija ghamlu r-*raid* kien il-jum tas-Sibt u l-ammont ta' grammi misjuba kienu ser jintuzaw mill-appellant matul il-*weekend.* Ghaldaqstant, l-Ewwel Qorti ikkonkludiet, b'mod zbaljat, li peress li l-*weekend* jibda fil-jum tal-Gimgha, l-ammont ta' droga illi kellha tinstab fil-pussess tal-appellant kellha tkun inqas minn dak li instab peress illi jkun diga' ghamel xi uzu l-Gimgha. Ghalhekk, l-Ewwel Qorti uzat il-fatt illi peress li l-ammont tad-droga li instab is-Sibt fl-ghaxija kien fl-intier tieghu ta' dak li inxtara t-Tlieta ta' qabel bhala prova illi d-droga misjuba ma kinitx ghall-uzu personali tal-esponent appellant. **<u>Illi bir-rispett kollu din il-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti hija wahda frivola u vessatorja stante' illi ma kellha qatt tiddetermina li d-droga misjuba fil-karozza tal-appellant ma kinitx ghall-uzu personali tieghu sempliciment fuq il-fatti li ma kkonsmax droga l-Gimgha u li biex wiehed jikkonsma tliet grammi (3g) f'lejl kellu jkun *heavy user* u mhux *recreational user.* Il-Qorti ma ghandha QATT tasal ghal dawn il-konkluzzjonijiet sempliciment billi tassumi.</u>**

**B. <u>Interpretazzjoni Zbaljata tal-Ligi</u>**

<u>Illi l-Ligi Maltija, f'dak li ghandu x'jaqsam mal-pussess aggravat, hija mudellata fuq il-Ligi Ingliza u li tirrekjedi bilfors the '*intent to supply*'.</u> Illi fil-

kamp penali l-iskop tal-legislatur fil-ligi Maltija li hija mmudellata fuq il-*Misuse of Drugs Act* tal-Ingilterra kien **<u>ghalhekk li jolqot l-agir ta' persuna li ghandha sustanza illecita u ffurmat l-intenzjoni, jew li tista tifforma l-intenzjoni illi tispacca l-istess</u>**. Hekk taht il-*Misuse of Drugs Act, 1971* fir-Renju Unit, il-kliem uzat huwa *'possession **with intent** to supply'.* (Jinghad illi fir-Renju Unit il-posizjoni legali, ukoll hija differenti minn pajjizna specjalment dak illi jikkoncerna cannabis u ecstasy). Ghaldaqstant il-provi u cirkostanzi materjali huma rilevanti **in kwantu jindikaw l-intenzjoni ta' spacc,** u f'dan il-kuntest allura il-Qorti sabiex issib htija ghandha tkun konvinta *beyond reasonable doubt* illi tali persuna mhux biss kellha l-pussess tad-droga **izda wkoll** l-intenzjoni li tispacca jew b'xi mod li jkun tikkonsenja mill-istess droga.

**Illi l-kelma 'pussess' ghadha tiftiehem ghalhekk bhala illi s-sustanza f'xi hin tkun ghand persuna li jkollu l-intenzjoni, u tqis l-istess bhala taghha, filwaqt illi l- pussess aggravat jissustixxi meta sussegwentment tigi ffurmata l-intenzjoni illi dik is-sustanza li l-persuna tkun qed tqies bhala taghha, tigi mghoddija lill terza persuna.** F'dan il-kuntest, l-esponent jaghmel riferenza wkoll ghas-sentenza fl-<u>ismijiet **Il-Pulizija vs David Norbert Schembri** moghtija mill-Imhallef Vincent De Gaetano</u>, fejn gie ritenut illi minkejja illi l-Qorti ma setghetx b'mod konklussiv tiddeciedi illi l-pussess ta' cirka 10 grammi kokaina ma kienx ghall-uzu esklussiv pero meta persuna jkollha certu ammont ta' droga ir-riskju illi l-istess tithajjar tispacca kien kbir u ghalhekk din l-Onorabli Qorti ghamlet distinzjoni fina fejn ammont **jista' f'cirkostanzi suspettuzi kemm huma susspettuzi mhumiex konklussivi ghal spacc,** u minn naha l-ohra ammont akkumpanjat minn cirkostanzi illi ma jhallu ebda dubju dettat ir-raguni tal-intenzjoni ta' spacc. Ghaldaqstant 'cirkostanzi' mhiex ekwivalenti ghal 'suspetti' jew 'cirkostanzi suspettuzi' izda ghal **'indikazzjoni inekwivoka tal-intenzjoni ta' spacc.'** Fl-umli fehma tal-esponent din is-sentenza tefghet dawl fuq dik il-***grey area,*** jew distinzjoni sottili bejn il-pussess fuq naha u l-pussess mhux ghall-uzu esklussiv.

Illi fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib it-tali prova, u cioe' illi l-esponent appellant kellu l-intenzjoni illi jispaccja d-droga illi instabet fil-pussess tieghu. Alavolja l-Ewwel Qorti tenniet illi l-appellant ma kienx 'attendibbli' u ma kienx qieghed jghid is-sewwa, li kieku stess din kienet il-verita', minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi l-appellant qatt spaccja xi droga lil terzi. Il-Prosekuzzjoni ma kellha l-ebda xhieda illi xhedu fil-konfront tal-appellant illi qatt ghaddhielhom xi droga jew inkella kien ser jghaddilhom dakinhar tal-allegat reat. *Di piu',* l-appellant huwa akkuzat illi kellu pussess aggravat sa tmien (8) xhur qabel l-allegat reat, liema akkuza ma tirrizultax, kif irriteniet l-Ewwel Qorti stess. Ghalhekk jidher car illi l-Prosekuzzjoni la ressqet ebda prova illi fix-xhur ta' qabel l-esponent kellu pussess aggravat tad-droga u wisq anqas dakinhar tal-allegat reat. Rigward ta' dakinhar u cioe nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) **il-Prosekuzzjoni ukoll naqset illi iggib xi prova ta' dan stante' illi minn imkien ma jirrizulta li l-esponent kien ser jissupplixxi lil terzi bid-droga kokaina. Ghaldaqstant, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati ta' pusses aggravat, la dakinhar u lanqas fix-xhur ta' qabel.**

Illi bid-dovut rispett, jirrizulta ghalhekk illi filwaqt illi l-prosekuzjoni rnexxiela tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-pussess, hekk imsejjah semplici tad-droga kokaina, naqset pero illi ggib provi konklussivi illi l-istess pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv, u illi r-ragunijiet kwotati mill-ewwel Qorti ma jikkostitwixux raguni konklussiva ghall-fini ta' l-istess imputazzjoni

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulzija vs John Gerada**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sebgha (2007), fejn il-Qorti irriformat s-sentenza tal-ewwel Qorti, u sabet lil l-appellant hati ta' pussess semplici biss:

> 'L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dak li nstab ma kienx esklussivament ghall-uzu personali ta' l-appellant a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet: **"Jidher izda li meta l-Pulizija ghamlet ir-raid taghha sabu ammont sew ta' cannabis, madwar 39 gramma u li**

**seba' mill-qratas kienu kwazi identici fit-toqol taghhom. Ohrajn instabu f'bicciet tal-foil li l-imputat qal li kien juza biex il-cannabis ma tinxifx. Izda limputat qal ukoll li l-bicciet kollha kienu imnaqqrin. Mela ma tantx jidher li kien hemm skop li dawn il-bicciet jibqghu f'bicca foil jekk kienu tnaqqru. Kien hemm hames bicciet fil-foil gol-*jewel box* u bicctejn ohra fil-foil fil-magg. Fil-kcina nstabu wkoll 'xi bicciet tal-foil maqtughin'. Barra dan il-mizien li nstab kien wiehed elettroniku 'Soehnle' u maghduda f'daqqa jigu wisq kumbinazzjonijiet meta tikkonsidra dawn it-tliet elementi f'daqqa: (a) li wiehed ikollu l-kannabis imqattgha u (b) li l-mara tixtri l-mizien elettroniku lejliet it-tfittxija u (c) li jkun qed isir programm fuq it-televixin dwar il-fidda. Bir-rispett kollu, din il-verzjoni tal-fatti lill-Qorti ma tikkonvincihiex. Ma' dan kollu, il-Qorti qed tikkonsidra wkoll li kien hemm zewg (2) pakketti tal-brim tas-sigarretti tal-marka Rizla u li nstabu ma' ghoxrin bicca tal-kannabis b'seba' bicciet kwazi identici fil-piz. Fil fehma tal-Qorti, l-ispjegazzjonijiet li ta l-imputat mhumiex konvincenti fuq bazi ta' probabilita` u meta wiehed jikkonsidra l-elementi msemmijin f'dan il-paragrafu flimkien hemm bizzejjed indizji ta' pussess ta' kannabis li ma kienx ghall-uzu personali biss ta' l-imputat minkejja li l imputat qal li kien juza bejn 8 u 10 joints kuljum."** Fid-dawl tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, dawn il-konsiderazzjonijiet li ghamlet huma ineccepibbli. Jigifieri hija hadet in konsiderazzjoni kull ma kellha u setghet tiehu in konsiderazzjoni. Mix-xiehda ta' l-ufficjal tal-*probation* Victoria Grech li nstemghet quddiem din il-Qorti pero`, jirrizulta illi l-appellant kien *"addicted ghall-marijuana"* u dan jitfa' dawl differenti fuq dak li xehed l-appellant. [...]F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti sejra taghtih il-beneficcju tad-dubju u sejra ssibu hati biss ta' pussess semplici. In vista ta' l-ammont involut pero`, jidhrilha illi l-ahjar mod ta' kif l-appellant jista' b'xi mod irodd xi haga lis-socjeta` filwaqt illi titkompla s-sorveljanza tieghu huwa billi jinghata ordni ta' *probation* u servizz fil-komunita`, u dan wara li l-imsemmija ufficjal tal-*probation*

> iddikjarat illi l-appellant huwa eligibbli u l-appellant stess indika li huwa lest joqghod taht tali ordni.’

Illi ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentament ippruvat ir-reat in disamina il-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tista ***safely and satisfactory*** tigbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta u specifika tal-ispacc. Mhux kull cirkostanza illi tista’ twassal xi suspett hija sufficenti. B’mod generali il-ligi ma tissanzjonax l-intenzjonijiet, u huwa eccezzjonalment illi l-ligi tikkunsidra reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, u ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent wiehed ghandu jezercita cirkospezzjoni akbar f’kazijiet simili, u **sabiex ma jinholqux ingustizzji l-intenzjoni tal-ispacc ghandha tirrizulta b’mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta’ kongetturi u supposizzjonijiet; liema intenzjoni QATT ma rrizultat fil-kaz odjern tal-esponenti appellant.**

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Duncan Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta’ Mejju, 2008, il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha, rreteniet illi:

> ‘Fil-kaz in dizamina, kif diga intqal aktar il-fuq, si tratta ta’ erbatax il-bicca cannabis bil-piz ta’ 22.872 grammi li nxtraw ghall-prezz ta’ mitt lira (Lm100). Huwa minnu li ddroga li nstabet kienet diga’ maqsuma f’bicciet zghar u mgerrba f’bicciet tal-foil izda l-Qorti jidrilha li l-ammont involut m’huwiex daqshekk sostanzjali li jindika li d-droga kienet lesta sabiex tigi spaccjata, zmercjata jew distribwita. Inoltre ma rrizultawx cirkostanzi ohra li setghu b’xi mod jindikaw li tali droga ma kienitx ghall-uzu esklusiv tal-imputat bhal per ezempju il-fatt li ma kienx hemm xhieda li indikaw li akkwistaw id-droga minghand limputat jew inkella is-sejba ta’ flus fil-pussess tal-imputat li setghat tindika li huwa kien qed jispaccja id-droga li nstabet fil-pussess tieghu […] Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li s-sustanza mehuda mill-pjanta tal-cannabis li nstabet fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu esklussiv

> tieghu u ghalhekk huwa qed jinstab hati biss ta' pussess semplici u mhux ta' pussess aggravat.'

Illi anki f'certi kazijiet meta irrizulta li d-droga misjuba ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sitwazzjoni kollha fil-profond u kkonkludiet li filfatt ma kien jammonta ghall-pussess aggravat. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Azzopardi** moghtija nhar it-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) mill-Imhallef Antonio Mizzi l-Qorti tal-Appelli Kriminali rriteniet is-segwenti:

> 'Ma jistax jinghad li l-fatt wahdu li kellu l-pussess tal-eroina u li din kienet semplicement intenzjonata ghal huh ma tistax tigi definita bhala traffikar. L-att tal provvista kienet ghada mhux kompjuta. Ghandu jinghad li f'dan il-kaz l-eroina fl-ebda mument ma kienet accessibbli ghal hu l-appellat biex ikun f'pozizzjoni li johodha. Illi meta wiehed janalizza l-fatt li l-pulizija qatt ma kellmu lill-hu l-appellat biex jikkontrollaw jekk verament dik kienet l-intenzjoni ta' l-appellat ihalli dubju jekk dak li qal l-appellat hi verament il-verita' tal-fatt jew il-vertia' kif kien qed jahsibha hu. Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hu car li l-appellat ghandu jinsab hati ta' pussess tad droga eroina minghajr l-aggravanti mitluba.'

Il-kaz premess jista' jigi rifless fil-kaz odjern stante' illi id-droga illi instabet fil-limiti tal-Bar, u cioe fil-karozza tal-appellant, ma kienet qatt accessibbli ghaz-zghazagh illi kien hemm gewwa l-Bar. **L-ebda droga ma kienet f'postijiet accessibbli ghaz-zghazagh stente' illi gewwa l-Bar ma nstabet ebda droga.** Di' piu' l-Pulizija qatt ma kelmu l-hadd li kien gewwa l-Bar dakinhar tal-allegat reat jew qabel u ghaldaqstant ma jirrizulta minn imkien li qatt kien hemm xi droga accessibbli ghalihom.

Ghaldaqstant ghalkemm il-gurisprudenza nostrana kemm il-darba tenniet illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti, dan ghandu jsir jekk dan l-apprezzament kien wiehed zbaljat, sabiex titwettaq gustizzja. Infatti, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antoine Agius** moghtija nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena

elfejn u hmistax (2015) moghtija mill-Imhallef Antonio Mizzi, il-Qorti tal-Appelli Kriminali rriteniet:

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. **Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.**

Ghaldaqstant, l-esponenti appellant umilment jissottometti illi l-Onorabbli l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u sussegwentament skorretament sabet lill-appellant hati illi kien fil-pussess tad-droga mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. In nkonkluzzjoni, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghal din il-htija stante' illi minn imkien mill-provi ma rrizulta illi l-esponenti appellant kien ser jisspaccja d-droga fil-pussess tieghu ma' terzi.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti iressaq zewg lanjanza diretti lejn id-decizjoni appellata meta jishaq illi l-Ewwel Qorti mhux biss ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi imressqa quddiemha izda ukoll tat interpretazzjoni zbaljata tal-ligi applikabbli u dan billi fil-fehma tieghu fir-reat tal-pussess aggravat tad-droga irid necessarjament jigi ippruvat l-intenzjoni ta'l-ispacc, haga li hija nieqsa mill-provi akkwiziti.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-

apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. Dan ghaliex l-aggravvji migjuba 'il quddiem mill-appellanti essenzjalment iduru madwar dan l-apprezzament u jekk il-fatti li ingiebu a konjizzjoni tal-Qorti kenux jaqghu fid-definizzjoni tal-pussess aggravat stabbilita fil-ligi.

Issa mill-atti probatorji irrizultaw is-segwenti fatti mhux ikkontestati:

1. Fuq il-persuna ta'l-appellanti kien hemm ammont ta' droga kokajina li bela' f'halqu hekk kif ra lill-pulizija dehlin fil-bar li kien jiggestixxi. Huwa ghal kollox inverosmili, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti illi f'haqlu l-appellanti kellu *ic-chewing gum*, kif jikkontendi fix-xhieda tieghu kuntrarjament ghal dak mistqarr minnu fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija.
2. Fil-vettura tieghu instabu hames boroz tal-plastic kontenenti id-droga kokajina f'pizijiet ta' 0.43 grammi, 1.9 grammi, 0.52 grammi u 0.49 grammi.
3. Fir-residenza tieghu imbaghad jinstab ammont iehor ta' droga kokajina fil-piz ta' 2.73 grammi u erba pilloli ecstasy.
4. Mill-bar jigi elevat mizien elettroniku li madanakollu fuqu ma jinsabu l-ebda tracci ta'droga.
5. Id-droga *ex admissis* kienet inxtrat mill-appellanti fil-jum tat-Tlieta qabel ma jigi rintraccjat mill-pulizija u arrestat, liema fatt sehh fil-jum tas-Sibt u ghalhekk din id-droga giet akkwistata erbat ijiem qabel u mhux mittiefsa minnu, ghalkemm jikkontendi illi huwa jabbuza mid-droga.

---

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

L-appellanti jinhasad kif jara lill-pulizija dehlin fil-bar tieghu u jibla' d-droga li ikun qed igorr mieghu fil-but. Dan jammettieh huwa stess fl-istqarrija tieghu u mhux kif jikkontendi l-appellanti jirrizulta biss mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija. Fil-fatt l-Ewwel Qorti tistrieh l-ewwel u qabel kollox fuq dak li jammetti l-appellanti mal-arrest tieghu. Ghal-mistoqsija mill-ufficjal investigattiv: " *Il-pulizija qaluli ukoll li malli dahhlu fil-hanut, int hrigt xi haga minn gol-but u tfajtha tigri f'halqek u blajtha ....,*" huwa iwiegeb fl-affermativ u iktar 'il quddiem ighid, "*il-bicca li blajt kienet bicca vera zghira*". Kif jista' allura l-appellanti jikkontendi illi l-Ewwel Qorti strahet unikament fuq ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija. Illi x-xhieda tal-pulizija isservi sabiex tikkorobora dak li jistqarr u jammetti l-appellanti stess u cioe' li belgha d-droga hekk kif lemah lill-pulizija, li ighidu kollha kemm huma li raw lill-appellanti jibla' xi haga u meta ippruvaw johorguhielu minn halqu ma jirnexxielhomx. Kif setghet allura l-Ewwel Qorti taghti affidabbilita lix-xhieda ta'l-appellanti meta stqarr illi dak li kellu f'halqu kien *chewing gum*? Illi ukoll l-Ewwel Qorti qatt ma assumiet illi l-appellanti belgha hames grammi kokajina, izda fir-ragjonament minnha maghmul li kien wiehed validu, ikkalkulat illi l-appellanti seta belgha doza ammontanti ghal bejn wiehed u iehor 0.5 ta' gramma u cioe' bejn wiehed u iehor l-ammonti li instabu fil-pakketti li kellu fil-vettura tieghu, ragjonament li jaghmel sens u ghandu mis-sewwa tenut kont ta' dak mistqarr mill-espert tal-Qorti illi doza ta' crack cocaine hija generalment ta' 0.5 ta' gramma[2].

Ukoll l-appellanti huwa zbaljat meta ighid illi l-prova tal-ispacc kienet tistrieh fil-fehma tal-Ewwel Qorti fuq il-mizien eletroniku li instab fil-bar. Bir-rispett kollu dan mhuwiex minnu meta wiehed jaqra l-konsiderazzjonijiet dettaljati li ghamlet l-Ewwel Qorti u li wassluha temmen illi d-droga misjuba fil-pussess ta'l-appellanti ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Illi din il-Qorti tqies illi m'ghandhiex ghalfejn terga' tinoltra ruha fuq dan l-apprezzament kif maghmul mill-Ewwel Qorti billi huwa spjegat car u tond fil-korp tad-decizjoni u ghalhekk taghmel dawk il-konsiderazzjonijiet

[2] Ara xhieda ta' spizjar Mario Mifsud a fol.45

taghha. Biss din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax kif droga li l-appellanti jammetti li kien xtara erbat ijiem qabel ma gie intercettat mill-pulizija ma gietx ikkunsmata minnu jekk jikkontendi illi huwa bniedem li jabbuza mid-droga u li kien xtara dak l-ammont ta' kwazi seba grammi droga kokajina ghall-uzu personali tieghu! Mhux biss, izda din id-droga ma instabitx kollha f'post wiehed, izda kienet imxerrda in parti fuq il-persuna ta'l-appellanti, fil-vettura tieghu u parti ohra fir-residenza tieghu. Kien ghalhekk illi l-Ewwel Qorti ikkonkludiet illi l-appellanti kien biss *recreational user* u mhux *heavy user* ghaliex li kieku kien hekk certament ma kenux ighaddu erbat ijiem minghajr ma jikkonsma xejn! Mhux biss izda jidher illi l-kokajina kollha li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet diga giet imsajjra, jigifieri kienet "crack cocaine" fejn doza tipika hija ta'0.5grammi biex b'hekk l-appellanti kellu fil-pussess tieghu madwar erbatax-il doza. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ghalhekk ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha tiddisturba id-diskrezjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta'l-apprezzament minnha maghmul ta'l-atti probatorji iktar u iktar meta, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, hemm kontradizzjoni shiha bejn l-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti *a tempo vergine* lill-pulizija u imbaghad ix-xhieda tieghu fil-qorti snin wara. Stabbilit ghalhekk illi l-pussess ta'l-appellanti jindika illi dan ma kienx biss ghall-uzu personali tieghu, din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina jekk allura tali pussess jaqax fl-interpretazzjoni ta' dritt li jitrattata r-reat tal-pussess aggravat tad-droga.

Issa l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni skorretta tal-principju legali tal-pussess aggravat tad-droga billi biex jissussisti dan ir-reat, fil-fehma tieghu, hemm il-htiega li l-ewwel u qabel kollox tigi ippruvata l-intenzjoni ta'l-ispacc u cioe' illi l-pussess tal-awtur tar-reat irid ikun wiehed intiz ghall-ispacc. Dan ma jirrizultax, jikkontendi, mill-atti probatorji.

Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument

ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "**possession with intent to supply**", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta'l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:

**"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha[3]"**

[3] 02/09/1999

Illi maghmula din id-distinzjoni xortawahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
- *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.[4]"*

Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **may be inferred from objective factual circumstances**."

Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont , kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita.  Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Maghmula allura dawn il-kondsiderazzjonijiet ta' dritt huwa bil-wisq evidenti li l-interpretazzjoni li l-appellanti qed jintenta jaghti lir-reat addebitat lilu ma huwiex wiehed ghal kollox korrett billi qed jistrieh iktar fuq id-definizzjoni moghtija fid-dritt ingliz iktar milli dak lokali fejn il-ligi mkien ma' tindika illi l-pussess irid ikun wiehed "with intent to supply" izda wiehed li "mhux ghall-uzu esklussiv tal-hati" distinzjoni sottili hafna li madanakollu ma igorrx mieghu l-piz iebes li hemm fuq il-prosekutur

[4] www.cps.gov.uk

brittaniku kuntrarjament ghal prosekutur malti. Kwindi anke dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi fir-rigward ta'l-ahhar lanjanza marbuta mal-aggravvanti tad-distanza tal-100 metru minn post fejn jiffrekwentaw zaghzagh, jinghad illi l-appellanti lanqas hawn ma ghandu ragun. Illi dan l-aggravanti huwa marbut ukoll mar-reat tal-pussess aggravat tad-droga fejn allura l-pussess b'dan il-mod f'distanza ta' 100 metru jew anqas minn post li huwa iffrekwentat miz-zaghzagh iwassal ghal zieda fil-piena bi grad wiehed. Issa l-appellanti jikkontendi illi billi d-droga instabet fil-vettura ta'l-appellannti, kwindi dan ma kienx post accessibbli ghaz-zaghzagh. Illi anke hawnhekk l-appellanti qieghed jaghti interpretazzjoni zbaljata ta' dritt billi l-ligi tindika illi l-aggravanti tirrizulta jekk ir-reat isehh f'distanza ta' 100 metru jew inqas minn post iffrekwentat mis-zaghzagh. Kwindi gjaldarba il-vettura tieghu kienet ipparkeggjata proprju vicin dan il-bar, post li gie ippruvat li kien iffrekwentat minn zaghzagh tant illi dak in-nhar kien ghaddej *birthday party* iffrekwentat minn zaghzagh fejn anke xehdet tfajla minorenni ta' hmistax-il sena certu Lisa Agius li stqarret mhux biss illi dak in-nhar kienet tinsab fil-bar izda li tiffrekwenta dan il-post regolarment flimkien ma' shabha, allura l-aggravanti jirrizulta ippruvat. Ghaldaqstant anke dan l-aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur